# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 8 ta' Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Khalleeffah Ahmed Alhaaj Aljeelani**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Khalleeffah Ahmed Alhaaj Aljeelani, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 157927 (A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Marzu, 2018 gewwa Triq Mike Pulis, Birkirkara u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta attentat ta' serq aggravat minn diversi vetturi, liema serq hu ikkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa.
2. Wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' probation moghti mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D) fl-4 ta' Marzu, 2018 liema sentenza hija definittiva u ma' tistax tigi mhassra, imnaqqsa jew mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija tittratta ma' l-akkuzat bhala recediv u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li lQorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu minn-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta'l-imputat li qed iwassluh biex jikkommetti dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(g), 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sebgha xhur prigunerija** u taghzel li titratta mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati f'l-4 ta' Marzu 2018 u ghal dawk ir-reati tikkundannah **tletttax il-xahar prigunerija**. In oltre l-Qorti Qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinzamm fil-forensic ward f'l-Isptar Monte Carmeli.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**